**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 134 / 2019**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Josef Gauci)**

**vs.**

**Chalie Muscat**

Illum, 12 ta' Frar, 2021

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Chalie Muscat, bin John Mary Muscat u Victoria Muscat nee Sultana, imwieled fil-05 ta' Frar, 1978, u residenti gewwa 78, Triq Frangisk Camilleri, Xaghra, detentur tal-karta tal-identita' nru. 5178 G, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

Nhar it-30 ta' Marzu 2019, ghall-habta tal-17:10 waqt li kien qed isuq vettura numru ABH 123 ta' l-ghamla Toyota Tercel, fi Triq il-Gharb, limiti ta' l-Ghasri, Ghawdex:

(1) Saq vettura bil-mutur bin-numru ABH123 b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni jew b'mod perikoluz (Kap 65 Art 15(1)(a));

(2) Talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi saq vettura billi acceda l-limitu ta' velocita' waqt li kien ghaddej minn barra belt jew rahal (L.S. 65.11 Art. 127(1) );

(3) Talli b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' tharis tarregolamenti, involontarjament ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta Olgun Ilker, karta ta' l-identita Franciza Nru: 160513300588 skont kif iccertifikat minn Dr. Peter Muscat MD ta' l-Isptar Generali t'Ghawdex (Kap9 Art 226(1)).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-11 ta' Dicembru, 2020, fejn il-Qorti ghalhekk wara li rat l-Art. 15 (1) (a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, Art. 226 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u Art 127 (1) L.S.65.11 kif ukoll l-Art.17 tal-Kap.9 Ligijiet ta' Malta filwaqt li sabet lill-imputat Chalie Muscat hati ta' l-ewwel imputazzjoni fejn saret referenza ghal sewqan b'manjiera traskurata u hati tat-tielet imputazzjoni, izda mhux hati tat-tieni imputazzjoni u ghalhekk illiberatu minnha, ikkundannatu ghall-multa komplessiva ta' elf u mitejn Euro (€1,200).

Il-Qorti ordnat wkoll is-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan tal-hati ghal zmien xahar li jibdew jiddekorru min-nofs il-lejl u minuta ta' ghada filghodu.

Rat ir-rikors tal-appellanti Chalie Muscat minnu pprezentat fit-30 ta' Dicembru, 2020, fejn talab lil din il-Qorti joghgobha filwaqt li tikkonferma l-parti fejn illiberatu mit-tieni akkuza, thassar u tirrevoka d-decizjoni appellata fejn sabitu hati tal-ewwel u tat-tielet akkuza, u konsegwentement fis-sens illi tillibera lill-appellant mill-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Rat illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

**L-Ewwel Aggravju - In-Nullita' tas-Sentenza Appellata**

Illi fl-ewwel lok, l-appellant jissottometti li s-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti hija nieqsa mill-osservazzjoni stretta u skupoluza tad-dispozizzjonijiet tal-Ligi u dan partikolarment meta fis-sejbien ta' htija fl-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-appellant, naqset milli tillibera lill-istess imputat, qua appellant, mill-akkuza ta' nuqqas bla kont u b'manjiera perikoluza.

Illi l-esponenti appellant jaghmel referenza ghas-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti tal-Appell (Inferjuri) fl-ismijiet Il-Pulizija vs Norman Vella moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Onor. Imh. Consuelo Scerri Herrera) tas-16 t'Ottubru, 2020 u li permezz taghha l-Qorti annullat ex officio s-sentenza appellata.

Illi hekkkif gie sottolineat minn din l-Onorabbli Qorti:

"Il-Qrati ghandhom jaderixxu ruhhom skrupolozament mad-dispost tal-Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, in-nuqqas li jsir dan qieghed iwassal ghal dewmien inutli tant li qeghdin jigu annullati numru ta' sentenzi …"

Illi fid-dawl ta' dak enuncjat f'sensiela ta' sentenzi li ssir referenza ghalihom fil-kaz succitat, ghalhekk is-sentenza moghtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti hija monka u ghandha tigi annullata.

**It-Tieni Aggravju – In-negligenza kontributorja da parti tal-vittma**

Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravvju tal-appellant, l-esponenti jaghmel referenza ghall-fatti specje tal-kaz in kwistjoni, partikolarment il-fatt illi kien il-vittma stess li kkontribwixxa b'mod mill-aktar car u kien minhabba fl-agir irresponsabbli tieghju li avvera ruhu dan l-incident.

Illi infatti, hekk kif hareg car mill-provi prodotti quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti, il-vittma f'dan l-incident, kellu mhux wahda izda zewg pedestrian crossings a dispozizzjoni tieghu – facilitajiet li huwa ghazel li ma juzax u

minflok, b'mod azzardat ghall-ahhar, qabad u qasam it-triq minn fejn fettillu u b'hekk ikkawza l-incident de quo.

Fid-dawl ta' dan kollu, l-esponenti appellant jaghmel ampja referenza ghas-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet Il-Pulizija vs Fatih Pancar deciza fis-6 ta' Novembru, 2018. Issir referenza partikolari ghar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti fejn inghad illi:

"Din il-Qorti tabraċċa u tagħmel tagħha r-rakomandazzjoni tal-Ewwel Qorti sabiex illeġislatur jikkunsidra l-introduzzjoni ta' 'Pedestrian Offences' u dan fl-ambitu talHighway Code innifsu li jimponi obbligi mhux biss fuq is-sewwieqa iżda anke fuq pedestrians li jkunu qegħdin jużaw it-triq. Din il-Qorti tissuġerixxi li għandu jkun hemm sanzjonijiet għal persuni li jagħżlu li jaqsmu minn punt partikolari ta' triq nonostante li jkun hemm pedestrian crossing jew punt aktar sikur minn fejn taqsam."

L-appellant jissottometti li filwaqt li l-Ewwel Onorabbli Qorti tosserva li kien hemm nuqqasijiet li gew kommessi da parti tal-vittma fl-incident de quo, b'danakollu, tali nuqqasijiet bl-ebda mod ma gew riflessi fil-piena inflitta permezz tas-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti;

**It-Tielet Aggarvju – Apprezzament zbaljat tal-provi**

Illi t-tielet aggravju tal-appellant jirrigwarda partikolarment il-fatt li l-Ewwel Onorabbli Qorti naqset milli taghmel analizi korretta tal-fatti kollha enuncjati quddiem.

Dan qieghed jinghad b'referenza ghall-provi migjuba quddiem il-Qorti b'mod partikolari r-rizultanzi tal-incident. Jigi sottolineat illi kif jidher ben car mir-ritratti u mill-okkorrenza, il-hsara li garrbet il-vettura li kien qieghed isur l-appellant kienu fil-parti tal-genb tal-vettura u fis-saqaf. Ma kien hemm l-ebda hsara fil-faccata u l-parti ta' quddiem tal-vettura. Dan juri bic-car illi kien fil-

fatt il-vittma li ghazel li jaghmel azzjoni affrettata meta b'mod brusk ghall-ahhar qasam it-triq habta u sabta u dahal direttament fil-vettura. Li l-vittma kellu jkun gia' f'nofs it-triq, il-hsara kienet tavvera ruhha fil-parti frontali tal-karrozza u mhux fil-genb tal-istess vettura.

Fic-cirkostanzi ghalhekk l-esponenti appellant jissottometti li l-Ewwel Onorabbli Qorti naqset milli naghmel analiza akkurat tal-provi prodotti a detriment tal-istess appellant.

Ikkunsidrat,

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz u dan limitatament fir-rigward ta' l-ewwel aggravju tal-appellant fejn issoleva n-nullita tas-sentenza appellata u dan ghaliex fil-fehma tieghu s-sentenza hija nieqsa mill-osservazzjoni stretta u skrupoloza tad-disposizzjonijiet tal-ligi u dan partikolarment meta fis-sejbien ta' htija fl-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-appellant, il-Qorti naqset milli tillibera lill-istess imputat qua appellant mill-akkuza ta' sewqan b' nuqqas bla kont u b'manjera perikoluza.

Illi ghalhekkdin is-sentenza preliminary ser tinghta biss fir-rigward ta' l-ewwel aggravju.
Ikkunsidrat.

Illi ll-appellant kien tressaq l-Qorti u akkzuat talli nhar it-30 ta MAruz 2019 saq il-vettura numru ta registrazzjoni ABH 123 tal-ghamla Toyota Tercel fi Triq il-Gharb limiti tal-Ghasri Ghawdex u dan:_

1. B’nuqqas ta kont, bi taskruagni jew b’mod perikolu.
2. Billi ecceda il-limitu ta’ velocita waqt li kien ghaddej minn barra belt jew rahal.
3. Talli b’nuqqas ta hsieb u traskuragni jew b’nuqqas ta tharis tar-egolamenti involontarjament ikkaguna feriti ta’ natura gravi fuq il-pesuna ta’ Olgun Ilker detentur tal-karta ta’ identita Franciza numru 1605133000588 skond kif iccertifika Dr. Peter Muscat gewwa l-isptar generali ta’ Ghawdex.

Illi bis-sentenza taghha fl-ismijiet premessi datata 11 ta’ Diembru, 2020 l-ewwel Qorti kienet sabet lill-akkuzat qua appellant hati ta’ l-ewwel akkuza fir-rigward ta’ sewqan b’manjera traskurat u hati tat-tielet akkuza u cioe talli b’nuqqas ta hsieb u traskuragni jew b’nuqqas ta tharis tar-egolamenti involontarjament ikkaguna feriti ta’ natura gravi fuq il-pesuna ta’ Olgun Ilker. Izda ddikjarat li ma kienitix qed issibu hati tat-tieni imputazzjoni u cioe talli ecceda il-limitu ta’ velocita waqt li kien ghaddej minn barra belt jew rahalu illiberatu minnha. Wara ghaddiet biex tikkundanna lill-akkuzat qua appellant ghal multa komplessiva ta’ elf u mtiejn euro ( €1,200). Oltre li ordnat is-sospenzjoni tal-licenzja tas-sewqan tieghu ghal zmien xahar li jibdew jiddekorru minnos il-lejn u minuta ta’ l-ghada tal jum tas-sentenza. Illi dwar l-akkuzi ta’ sewqan perikoluz u sewqan bla kont l-Qorti ma kkummentatx.

**Ikkunsidrat ulterjorment.**

Fis-sentenza hawn skrutinata, il-Qorti ma qalitx b’mod car jekk kienitx qed tillibera lill-imputat minn sewqa perikoluz u/jew bla kont u anqas ma qalet jekk kienitx qed issib lill-imputat hati ta’ wahda minn dawn iz-zewg imputazzjonijiet. Dan ir-rekwizit u cioeli l-Qorti tiddikjara li akkzuat huwa hati jew le ta kul akkzua li taghha ikun gie akkzuat qieghed hemm ghal diversi

ragunijiet, fosthom li l-imputat irid ikun jaf fic-cert il-qaghda tieghu wara li jkun ghadda mill-process kriminali; fil-fedina penali tieghu jista' possibilment jitnizzel li instab hati meta hu fehem li kien illiberat filwaqt li jkun ddekada mit-terminu taz-zmien tal-appell meta jinduna b'dan u diversi ragunjiet ohra;

Id-decizzjoni ta' din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Stephen Bonsfield[1]** tigbor fiha uhud minn dawn il-hsibijiet, ghadha relevanti u abbracjata minn din il-Qorti fl-intier taghha:

> [R]at illi l-ewwel aggravju tal-appellant huwa s-segwenti u cioe' li minn qari akkurat tas-sentenza appellata, jidher car illi hemm mankanti d-dikjarazzjoni ta' htija mill-Qorti. Dan iqajjem diffikulta' procedurali peress illi dikjarazzjoni ta' piena minghajr dikjarazzjoni ta' htija tista thalli rizultat ineffetiv u inkonkluziv. Isegwi li meta l-Ewwel Qorti kkundannat lill-appellant ghall-piena ta' prigunerija minghajr id-dikjarazzjoni ta' htija, jemergi stat ta' fatt illi ma jsegwix wiehed minghajr l-iehor. Hu veru illi wiehed jargumenta illi la giet inflitta piena allura per forza l-Ewwel Qorti sabitu hati, pero' din hija inferenza li tista' ma tkun xejn desiderabbli mil-lat ta' procedura. Hu pacifiku kemm skond il-gurisprudenza nostrana u sew bhala punt ta' dritt illi sentenza ghandha fil-kamp penali tindika dikjarazzjoni dwar il-htija. Dan igib mieghu in-nullita' tas-sentenza u b'hekk issegwi nullita tal-procedura intiera. Sentenza hija l-vuci u l-fini tal-process kollu. Hija r-regina ta' kull procedura. Nullita' tas-sentenza ghalhekk iggib maghha nullita' tal-process intier, b'hekk li una volta ikun akkolt dan l-aggravju, l-appellant ghandu jitpogga fil-posizzjoni li kien fiha meta tressaq b'citazzjoni quddiem l-Ewwel Qorti, ossia fil-posizzjoni li kien fiha meta tressaq quddiem il-Qorti Istruttorja.

[1] Appell numru 327/2006 Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar is-27 t'April 2006

Illi fis-sentenzi ta' din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Carmel Attard</u>** [2], **<u>Il-Pulizija vs Robert Farrugia</u>**[3] u **<u>Il-Pulizija vs Philip Zahra</u>** [4] kienet ritenuta nulla s-sentenza meta l-Qorti tonqos milli tippronunzja ruhha dwar wahda jew aktar mill-imputazzjonijiet. *Multo magis* allura meta bhal fil-kaz odjern il-Qorti naqset milli tiddikjara htija jew liberazzjoni fuq parti ta l-ewwel akkzua u cioe dik ta sewqan perikoluz u bla kont u ghaddiet biex tikkomina l-piena. Ghal dawn ir-ragunijiet s-sentenza tal-ewwel Qorti qed tkun dikjarata nulla u bla effett konsegwenza ta' nuqqas ta' osservanza ta' formalita' essenzjali;

Issa, kif ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs John Giardina</u>** [5], in-nullita' ta' sentenza, meta dikjarata minn din-Qorti, iggib maghha effetti li jvarjaw minn kawza ghall-ohra. L-ewwel wiehed hu li fit-ter-mini tal-**artikolu 428 (3) tal-Kodici Kriminali**, din il-Qorti tghaddi biex tiddeciedi hi stess il-kaz mill-gdid *"meta l-qorti superjuri ssib li nkisret jew li ma saritx xi formalita'; li trid il-ligi taht piena ta' nullita, jew li tkun xort'ohra sostanzjali"* u sakemm dan ikun pos-sibbli tenut ic-cirkostanzi partiklari tal-kaz. It-tieni konsegwenza hi li n-nullita' tas-sentenza taffettwa biss dik il-parti taghha fejn tkun instabet htija fejn allura tista' titqies bhala nullita' parzjali. Il-Qorti tal-Appell ghalhekk ma tergax tisma' u tiddeciedi dwar dawk l-imputazzjonijiet li dwarhom ikun hemm liberatorja (ara **<u>Il-Pulizija vs Karmenu Attard</u>**[6]**<u>).</u>** Inoltre, l-aggravji tal-appellant imbaghad jitqiesu bhala sottomissjonijiet fil-kawza (ara **<u>Il-Pulizija vs Dr. Alfred Grech</u>**[7]. Finalment, meta tigi biex tiddeciedi l-mertu mill-gdid, din il-Qorti ma tkunx marbuta bis-**subartikolu (7) tal-artikolu 428**, igiefieri mal-piena erogata mill-

---

[2] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar is-6 ta Gunju 2007. Appell numru 400/06.
[3] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar id-19 ta Novembru 2015. Appell numru 357/14.
[4] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-28 ta Settembru 2017. Appell numru 348/15.
[5] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-25 ta' Frar, 2019. Appell numru 72/2016.
[6] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-28 ta April, 1995.
[7] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-10 ta Settembru, 2007.

ewwel Qorti u konsegwentement tista' zzid il-piena skond il-kaz. (ara **<u>Il-Pulizija vs Joseph Farrugia</u>**[8] );

Applikat dan kollu ghall-kaz odjern, din il-Qorti ser tghaddi biex tiddeciedi l-kaz mill-gdid la darba l-atti huma kompilati inkluz ir-registrazzjoni tax-xhieda. La darba ma kienx hemm liberatorja jew kundanna fuq dawk iz-zewg akkuzi ta' sewqan perikoluz u sewqan bla kont din il-Qorti sejra ai termini tal-artikolu 428 (3) tal-akptiolu 9 titratta mal-appellant mill-gdid ghall-akkuzi kollha u ghalhekk qeda tiddiferixxi l-kawza ghat-trattazzjoni fuq il-mertu.

(ft) Consuelo Scerri Herrera
Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur

---

[8] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-13 ta Jannar 1995.